**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-18 t'Ottubru 2021**

**Cit. Nru.: 98/2021 JPG**

**Kawza Nru : 20**

**MB f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri ZM**
**vs**
**CM (K.I. 0140789M)**
**TB (K.I. 414895M)**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MB datat 29 ta' Marzu 2021, a fol 1et seqq, li jaqra hekk:

1. *Illi fl-20 ta' Awwissu 2018 l-attrici welldet tifla minuri bl-isem ta' ZM u dan kif jirriżulta mill-anness ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru ta' l-iskrizzjoni 5634/2018; Certifikat anness u immarkat dok A;*

2. *Illi l-minuri ZM ġiet reġistrata bħala l-wild naturali tal-intimat CM, li dak iz-zmien kien f'relazzjoni ma' l-attrici MB;*

3. *Illi kif se jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża speċjalment minn testijiet xjentifiċi l-minuri ZM mhix l-bint naturali tal-konvenut CM; Test anness u immarkat dok B*

4. *Illi fil-fatt il-missier naturali ta' ZM huwa TB detentur tal-karta' ta' l-indentita numru 414895M;*

*Għaldaqstant, l-attriċi qed titlob lill-Qorti prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u l-provvedimenti opportuni:*

1. *Tiddikjara illi l-minuri ZM li twieldet fit-20 ta' Awwissu tas-sena 2018 m'hijiex il-wild naturali ta' l-intimat CM;*

2. *Tiddikjara illi l-minuri ZM li twieldet fit-20 ta' Awwissu tas-sena 2018 hija l-wild naturali ta' TB;*

3. *Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet meħtiega fl-Att tat- Twelid relattiv ta' l-imsemmi minuri bin-numru tar-registrazzjoni 5634/2018 billi jigu ikkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twlelid il-konnotati kollha ta' l-intimati CM u l-istess jigu sostitwiti bil-konnotati ta' TB;*

4. *Tordna li l-kunjom tal-minuri ZM jigi sostitwit bil-kunjom B;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-*subizzjoni,

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 13 ta' Mejju 2021, a fol 12 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi fil-mertu, l-esponent jistqarr li mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;*

2. *Illi mid-dokumenti annessi mar-rikors promotur, jidher illi diġa' sar test tad-DNA, li jikkonferma li l-konvenut TB huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri. Għal tali test, l-esponent ma jsib l-ebda oġġezzjoni, salv pero' illi dan it-test għandu jkun maħluf minn Dr. Marisa Cassar;*

3. *Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li jintlaqgħu it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lill-konvenut TB sabiex permezz ta' nota jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament: (1) In-numru tal-karta tal-identita` tiegħu; (2) Ismu u kunjomu; (3) L-eta` tiegħu meta twieldet il-minuri ZM; (4) Il-post tat-twelid tiegħu; (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet il-minuri ZM; (6) isem u kunjom il-ġenituri tieghu; u (7) jekk il-ġenituri kienux għadhom ħajjin meta twieldet il-minuri ZM. Tali informazzjoni hija meħtiega sabiex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri ZM;*

4. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l- minuri ZM;*

5. *Illi finalment u dejjem mingħajr ħsara għal dak hawn fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.*

Rat in-nota guramentata ta' CM, datata 18 ta' Mejju 2021, a fol 15 li taqra hekk:

*Li permezz taghha qed jammetti t-talbiet mressqa minn MB, u cioe sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l-minuri ZM li twieldet fl-20 ta' Awwissu tas-sena 2018 m'hijiex il-wild naturali tal-intimat CM, tiddikjara illi l-minuri ZM hija l-wild naturali ta' TB u konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-twelid relattiv tal-imsemmi minuri bin-numru tar-registrazzjoni 5634/2018 billi jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid il-konnotati ta' TB u tordna lill-kunjom tal-minuri ZM jigi sostitwit bil-kunjom B u dan peress illi, apparti li huwa jaqbel ma' dan u mhux jipponi ghal l-istess talbiet, huwa tal-fehma li effettivament dan huwa ghall-ahjar interess tal-minuri;*

Rat illi ghalkemm l-intimat TB ma ntavolax risposta, huwa deher ghas-seduta tat-30 ta' Gunju 2021 u qabel mat-talbiet attrici;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-attrici uriet ix-xewqa taghha li l-minuri jinghata l-kunjom 'B' (Vide fol 16);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkonsidrat:**

**L-intimat TB xehed in ezami nhar it- 30 ta'Gunju 2021** u spjega illi huwa qieghed f'relazzjoni mal-attrici u li issa ilhom flimkien madwar sena u xahar. Izid illi t-tarbija twieldet qabel ma bdew ir-relazzjoni taghhom u li bdew jiffrekwentaw lil xulxin madwar sentejn ilu kemm ghandha zmien it-tarbija u li meta l-attrici harget tqila, huwa kien ghaddej minn zmien hazin minhabba il-vizzju tad-droga. Isostni illi issa qieghed programm mill-facilita' korrettiva u qieghed jahdem il-habs. Mistoqsi minn din il-Qorti jekk hux lest li jirrikonoxxi lill-minuri, jishaq illi huwa jrid dan. Fir-rigward tal-kunjom jixhed illi dan ghandu jkun B, anke ghaliex l-attrici inzertat ukoll kunjomha B bhalu.

**Ikkonsidrat:**

Illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attrici qed titlob illi l-konvenut TB jigi dikjarat bhala l-missier naturali tal-minuri ZM li twieldet nhar l-20 t'Awwissu 2018. L-attrici qed titlob ukoll li l-intimat CM, li mieghu l-attrici kellha relazzjoni meta weldet lill-minuri, effettivament mhuwiex il-missier naturali tal-minuri Z minkejja li sal-lum il-minuri ghadha registrata bhala bint l-intimat CM kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid *a fol 4* tal-atti.

Mill-atti jirrizulta illi l-minuri ZM giet registrata bhala l-wild naturali tal-intimat CM li dak iz-zmien kien qieghed f'relazzjoni mal-attrici, mentri l-missier naturali tal-minuri bhala stat ta fatt huwa l-intimat TB. L-intimat CM, fin-nota guramentata tieghu a fol 15 tal-atti, jaqbel perfettament ma dana kollu, u mhux jopponi ghat-talbiet attrici, stante li fil-fehma tieghu dan huwa fl-ahjar interess tal-minuri.

Il-Qorti rat is-subtitolu III tal-Kodiċi Ċivili , illi jitratta *Fuq il-Filjazzjoni tal-Ulied Imnissla u Mwielda Barra miż-Żwieġ* partikolarment l-Artikolu 99 illi jistipula li:

> ***"L-att li bih jiġi magħruf tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi attakkat mit-tifel kif ukoll minn kull min ikollu interess."***

Il-Qorti tqis illi l-attrici bhala l-genitur li weldet lill-minuri ghandha interess li tressaq azzjoni bhal dik odjerna sabiex il-paternita' vera tal-minuri tigi riflessa fl-att tat-twelid. Il-Qort rat ukoll illi l-partijiet isottoponew ruhhom ghat-testijiet genetici sabiex tigi accertata l-paternita' tal-minuri b'mod xjentifiku. Il-Qorti taghraf illi f'kazijiet bhal dawn il-prova regina huwa l-ezami xjentifiku tad-DNA. Kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"...f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-attriċi possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-konvenut…fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri..."[1]***

Il-Qorti rat illi skont ir-rapport guramentat ta' Dr. Marisa Cassar *a fol 25 et seq*, it-testijiet genetici li saru fuq il-konvenut TB u l-minuri ZM jistabilixxu illi l-istess TB huwa l-missier bijologiku tal-minuri.  Illi ghalhekk, u in vista tar-rapport guramentat ta' Dr. Marisa Cassar, il-Qorti tqis illi gie stabbilit b'mod car u inekwivoku, illi l-konvenut B huwa l-missier bijologiku tal-minuri bint il-partijiet.

Rigward il-kwistjoni tal-kunjom tal-minuri, li llum ghandha circa tlett (3) snin u ghalhekk waslet biex tibda l-iskola, rat illi l-attrici u l-intimat B, li fil-prezent qeghdin f'relazzjoni, jaqblu li l-minuri ghandha ggib il-kunjom B. Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi gialadarba l-minuri waslet biex tibda l-iskola u ghalhekk hemm il-htiega li l-istess minuri tigi registrata fi skola tal-ghazla tal-genituri, ikun fl-ahjar interess tal-minuri li l-kunjom tal-istess minuri jinbidel f'dana l-istadju qabel ma tkompli tikber aktar u sabiex b'hekk il-paternita' vera tal-minuri tkun giustament riflessa fl-att tat-twelid. Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi kunjomha jinbidel minn 'M' ghal' 'B.'

Ghar-rigward il-kap tal-ispejjes, ikkonsidrat illi l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez hija regolata

[1] A B vs C D et, Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) (Rik. Gru. Nru. 79/16) 25 April 2018.

mill-ligi u cioe l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

***"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.***

***(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."***

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Settembru 2004** fejn dwar dan l-artikolu gie spjegat illi:

***"Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi l-ispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (Kollez. Vol XLVIII pI p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173);***

***Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidhirx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha" (Kollez. Vol XLIX pI p190). B'ezemplari din is-sentenza ssemmi l-kaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu l-ebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda semplicement formali. Hekk insibu a Vol XXXIII pII p55 illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik iddikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l-ohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur."***

Il-Qorti tosserva illi l-attrici ntavolat il-proceduri odjerni fid- 29 ta' Marzu 2021 u cioe circa sentejn u nofs mit-twelid tal-minuri. Il-Qorti rat illi fir-risposta tieghu, l-intimat M minkejja li ma opponiex ghat-talbiet attrici, kkontesta kwalunkwe spejjez relatati ma' dawn il-proceduri. Illi fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi l-attrici ghandha tbaghti l-ispejjez tal-proceduri kollha, inkluz

dawk tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

**Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif gej:**

1. **Tiddikjara illi l-intimat CM mhuwiex il-missier natural tal-minuri ZM, izda li l-konvenut TB (K.I. 414895M) huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri, ZM imwielda fl-20 t' Awwissu tas-sena 2018 lill-attrici MB (K.I. 53893 M);**

2. **Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq l-att tat-twelid ta' ZM kull referenza ghar-rikorrent, CM u minflok tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiċ-ċertifikati tat-twelid tal-minuri ZM, innumerat 5634/2018 fid-dettalji ta' missier it-tarbija, huwa jħassar il-kliem "CM" u minflok iniżżel id-dettalji tal-konvenut 'TB' detentur tal-karta tal-Identita` Maltija bin-numru 414895 M, imwieled Pieta' u iben FB li kien haj fil-mument tat-twelid tal-minuri, u li l-konvenut TB meta twieldet il-minuri kellu 23 sena, u kien residenti l-Birgu;**

3. **Tordna, illi l-minuri ZM ghandha tigi magħrufa bil-kunjom *B*;**

**L-ispejjeż, inkluzi dawk tad-Direttur Registru Pubbliku, huma a karigu tal-attrici.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**